# Katina Karmelitana

Nru. 16 | Terzjarji Karmelitani Żurrieq | Jannar - April 2012


## Kobor ta' l-Isem ta' Marija fit-Tifsir Tiegħu

Ifisser **Sinjura**

- Ghax Marija hija Sinjura **tas-Sema u ta' l-art**, billi Binha huwa l-Mulej ta' kollox.
- Hija anke Sinjura **tal-grazzja**, għax hija Medjatriċi.
- Hija Sinjura, għax ġejja **minn familja nobbli** ħafna. Fost l-antenati ta' Marija hemm 14 Patrijarki, 14 Rejiet u 14 Mexxejja tal-poplu u Saċerdoti Kbar. L-ebda mara fid-dinja ma tistà tgħid li għandha antenati bħal dawn.
- Madonna tfisser appuntu: Sinjura tiegħi.
- Jekk hija Sinjura **għandna nobduha**, kif jagħmlu l-Anġli.




Ifisser **Imdawla**, jew li **ddawwal:**

- Kellha **x-xjenza nfusa,** mogħtija lilha minn Alla direttament, u kellha kull sapjenza.
- Kienet taf dak kollu li ma għarfux il-Profeti u l-Patrijarki, u l-Appostli u d-Dutturi, għax hi r-**Reġina tagħhom kollha**, u taf iktar minn kulħadd.
- **U Kemm tagħtina dawl il-Madonna**! Kemm erwieħ sabu l-qdusija, it-triq tas-sewwa bil-konverżjoni, il-volontà t'Alla bil-vokazzjoni, eċċ., permezz tagħha!





Ifisser **Kewkba tal-Baħar.**

Ifisser **Baħar:**

1. Għax il-qdusija tagħha **ħadd ma jista jqisha**. Bla qies bħall-baħar,
2. Għax **mimlija teżori**, kif inhu l-baħar,
3. Għax **mimilija misteri**, bħall-baħar,
4. **Għall-kobor tat-tbatija** tagħha.

**Huwa mezz ta' perfezzjoni u ta' qdusija**. Kemm Qaddisin sabu l-bidu tal-qdusija tagħhom fid-devozzjoni tal-Madonna, wara li bdew isejħu Lilha bħala l-Omm u l-Protettriċi tagħhom.

L-isem ta' Marija huwa **l-biżà tad-demonji.** Il-qaddisin jgħidulna li d-demonju għandu biża kbir mill-Isem ta' Marija. Huwa stess qatt ma jsemmih; l-anqas l-indemonjati (dawk li huma impossessati mid-demonju) qatt ma semmewh, u meta xi ħadd isemmih quddiemhom, jagħmlu movimenti qishom qed iweġġgħu.

Huwa kenn fit-tentazzjoni. Difatti San Franġisk ta' Sales jgħid li jekk inti f'xi tentazzjoni tal-ħsieb sejjaħt lill-Madonna, tista tkun żgur li ma aċċettajtx it-tentazzjoni u ma ċedejtx għaliha, għax ma jistax ikun li ssejjaħ lil Marija u ċċedi, tant għandu potenza l-isem imqaddes tagħha.

**Sors: Fuljett Appostolat tal-Madonna ta' Fatima**

# Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Nixtieq li din is-sena li għadha kif bdiet tkun sena mimlija hena, barka u sliem. Nagħmlu mpenn akbar biex nattendu l-laqgħat u l-attivitajiet li jsiru matul is-sena. Inħobbu lil Marija is-sena kollha, mhux fil-festa biss. Insiru nafu iżjed fuq Marija u binha Ġesù. F'Jannar ser ikollkom l-istatut tat-Terzjarji Karmelitani biex taqrawh u hekk inkunu nafu iżjed xi jrid minna l-Ordni Karmelitan.

Nistedinkom tieħdu sehem fl-irtir tal-21 ta' Frar u l-Erbgħat ta' l-Udjenza li jibdew fil-11 t'April.

Il-Madonna tberikna.
**Carmen Farrugia**

# Programm għax-xhur Jannar - April

## Laqgħat Marjani

**L-Erbgħa** **4 ta' Jannar 2012**

**L-Erbgħa** **1 ta' Frar 2012**

**L-Erbgħa** **7 ta' Marzu 2012**

**It-Tnejn** **2 t'April 2012**

Il-laqgħat jibdew fil-5.00pm bir-reċita tar-rużarju u wara jkun hemm il-Quddiesa bil-konferenza minn P. Hermann Duncan O.Carm.



Terzjarji Karmelitani Żurrieq

## Ħarġa Soċjali

**Nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar 2012** ser issir ħarġa għal Santa Venera fejn ikollna quddiesa u wara te/kafe u tombola fis-sala parrokkjali. Il-private titlaq minn ħdejn l-Iskola fid-9.00am. Prezz €7.

## Irtir ta' Ġurnata

Irtir ta' ġurnata għal żmien ir-Randan ġewwa l-Lunzjata r-Rabat **nhar it-Tlieta 14 ta' Frar**. Il-private titlaq minn ħdejn l-Iskola fit-8:45am. Ħlas inkluż te/kafe, trasport u l-ikel ta' nofsinhar huwa ta' €15.

## Festa tal-Madonna tal-Lunzjata

**Nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu** ser issir il-Festa tal-Madonna tal-Lunzjata r-Rabat. Il-mini bus titlaq minn ħdejn l-iskola fl-4.00pm. Isir pellegrinaġġ, quddiesa u wara jkollna te/kafe. Prezz €7.

***"Jiena s-Sinjura tar-Rużarju Mqaddes… Għidu r-Rużarju kuljum."*** **(Kliem il-Madonna ġewwa Fatima)**

**Nipproponi li ma nħalli qatt tgħaddi ġurnata u ma nkunx immeditajt ħames posti tar-Rużarju bil-qalb u bil-ferħ kollu ta' qalbi lil MARIJA OMMI.**